MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 19/2012

**Joseph Ellul Grech**

**vs**

**L-Avukat Generali u**

**l-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Joseph Ellul Grech tat-23 ta’ Marzu, 2012, li jaqra hekk:

Illi r-rikorrent Joseph Ellul Grech kien gie mressaq fis-17 ta’ Novembru, 1999 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u gie akkuzat li f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer bejn il-15 ta’ Awissu, 1999 u l-15 ta’ Novembru, 1999 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 1) bil-qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 110 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 2) ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq partijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 3) xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 4) ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat mhux imsemmija fl-Artikoli 183 jew 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 5) bil-hsieb li

jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd weggghu bil-kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji, jew b’xi mod iehor u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 6) kellu jew zamm skieken jew strumenti ohra bil-ponta u cioè ‘hunting knives’ minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta; 7) kellu ‘ponn tal-hadid’ (knuckle duster) bi ksur ta’ l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 25 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta; 8) zamm jew kellu zewg ‘slings’, ‘crossbow’ u ‘air pistol’ u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta; 9) fil-15 ta’ Novembru, 1999, wara ntervent u tfittxija mill-ufficcjali tal-pulizija fil-fond fuq imsemmi u cioe’ 19, Kent Street, Fgura instab xjentement li kellu fil-pussess tieghu l-oggetti ndikati fin-nota ta’ qbid nru. 26/99 li qed tigi mehmuza ma’ din l-akkuza. Dawn l-oggetti li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta ghandhom valur totali ta’ Lm54 u dazju ta’ Lm4.374, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 60 (a)(b)(c)(k); 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i), paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, tal-Ligijiet ta’ Malta; (10) fil-15 ta’ Novembru wara intervent u tfittxija minn Ufficcjal tal-Pulizija fil-fond fuq imsemmi u cioe’ 19, Kent Street, Fgura nstab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu l-oggetti ndikati fin-nota ta’ qbid numru 26/99 li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta tal-valur ta’ Lm54, dazju Lm4.374, valur totali u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud liema taxxa tammonta ghal Lm8.756, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta’ 1998).

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 t’Ottubru 2003 u cioe’ hames snin

shah wara li tressaq l-ewwel darba taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-appellant kien gie lliberat minn kull htija u piena.

Illi minhabba dawn il-proceduri inutili r-rikorrent tilef hobzu u daru u kien kostrett jitlaq minn Malta u minhabba l-istigma li sofra baqa ma sabx xoghol.

Illi permezz ta’ risposta ghall-mistoqsija parlamentari lill-Ministru ta’ l-Intern jirrizulta li l-investigazzjonijiet fil-kaz precitat ma ssukktawx wara li r-rikorrent kien gie lliberat, anzi twaqqfu kompletament.

Illi bid-dovut rigward, minkejja l-fatt koncess illi din il-kawza kienet wahda ta’ natura serja, xorta wahda ma jistax jinghad illi din il-kawza kienet ta’ natura komplikata jew kumplessa tant li kienet tirrikjedi hames snin shah sabiex tigi konkluza. Illi din il-kawza kienet ikkaratterizzata minn *iter* tortwuz u dan, fil-fehma tar-rikorrent kien minhabba l-mod kif giet kondotta l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u liema *iter* procedurali jinsab ben ittraccjat fl-istess atti tal-kawza.

Illi b’hekk, b’kollox, il-process kontra l-esponent dam pendent circa hames snin qabel ma gie definittivament konkluz u dan fl-umli fehma tal-esponent jikkostitwixxi dewmien esagerat u irragjonevoli li wasal biex gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali hekk kif sanciti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni ta’ Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap. 319).

Illi waqt l-arrest ir-rikorrenti kien gie assoggettat ghall-vjolenza fizika minhabba marda li jbati minnha u li ma thalliex jiehu trattament ghaliha kif ser jirrizulta.

Illi b'dan il-mod gie vjolat fil-konfront tar-rikorrenti id-dritt fundamentali tieghu li ma jigix assoggettat ghal piena jew trattament inuman u degradanti skond l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

Illi barra dan, l-arrest tar-rikorrent ivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja skond l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni kif ukoll skond l-artikolu 5 ta' l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq dak li hemm provdut fl-artikolu 34 u 36 tal-Kostituzzjoni u tiffissa kumpens.

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha eccepew:

Illi fl-ewwel lok il-proceduri odjerni jikkoncernaw l-istess mertu ta' kawza ohra kostituzzjonali fl-istess ismijiet "Joseph Ellul Grech vs Avukat Generali et" (Rik Nru 30/2001) liema kawza kienet giet ceduta fi stadju avvanzat mill-istess Joseph Ellul Grech u ghalhekk **in linea preliminari** r-rikorrent ma jistax jipproponi l-kawza odjerna qabel ma jgib prova li huwa

ottempra ruhu mal-Artikolu 907 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjonali u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem stante li kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent it-trapass ta’ erba’ snin (u mhux hamsa kif hemm indikat fir-rikors promotur) sabiex gie konkluz il-process gudizzjarju fil-konfront tieghu huwa wiehed ragjonevoli tenut kont tal-kumplessità tal-kaz u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi inoltre jigi eccepit li l-Istat ghandu kull dritt u dmir li jinvestiga u jressaq quddiem il-Qrati persuni li fil-konfront taghhom ikun jezisti suspett ragjonevoli li kkomettew reat u l-fatt li bhalma gara fil-kaz odjern l-ezitu tal-proceduri kriminali kien wiehed favorevoli ghar-rikorrent ma jfissirx li dan sofra xi lezjoni ta’ drittijiet fundamentali tieghu.

Illi inoltre l-esponenti jichdu bil-qawwa l-allegazzjoni tar-rikorrent li waqt l-arrest huwa kien gie assoggettat ghall-vjolenza fizika u ghalhekk ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-esponenti jeccepixxu wkoll li l-arrest tar-rikorrent b’ebda mod ma jivvjola l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea oltre l-fatt li mir-rikors promotur ma hemm ebda ndikazzjoni tal-mod kif allegatament dan id-dritt gie lez u ghalhekk f’dan ir-rigward l-esponenti jirrizervaw li jirrispondu ulterjorment jekk ikun il-kaz.

Illi finalment huwa sinifikanti kif ir-rikorrent wara li kien fetah il-proceduri kostituzzjonali fl-2001 kien cedihom fl-24 ta’ Novembru, 2003 wara li nghatat is-sentenza tas-27 t’Ottubru 2003, mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghax fi kliemu stess “l-iskop ta’ din il-kawza ntlahaq” biex issa u cioè wara trapass ta’ tlettax il-sena qieghed jerga’ jipproponi l-kawza odjerna u ironikament qieghed jitlob li din il-Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu primarjament minhabba  d-dewmien tal-proceduri meta huwa stess dam tant snin biex jerga’ jivvanta l-allegazzjonijiet tieghu.

Illi jsegwi ghalhekk li fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet tar-rikrorent dwar ksur ta’ drittijiet fundamentali huma wkoll **frivoli u vessatorji** u qed isiru b’abbuz tal-process gudizzjarju.  Huwa principju stabbilit li ‘<u>the law does not protect those who sleep over their rights’</u> u dan igib bhala konsegwenza illi t-tqanqil ta’ dawk il-lanjanzi jkunu ‘frivoli u vessatorji’.  Il-frivolu jew vessatorju jinkorpora mhux biss l-infondat u l-fieragh izda wkoll it-tqanqil ta’ argumenti, validi jew invalidi, b’mod intempestiv u b’mod illi jkun jidher manifestament illi jkunu ntaghzlu biex jergghu jifthu materja li r-rikorrent snin ilu kien pronunzja ruhu fis-sens li m’ghadux interessat li jipprocedi dwarha.

Illi ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari li tat din il-Qorti fit-3 ta’ Lulju, 2013, li biha cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali;

Rat l-atti tal-process kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Joseph Ellul Grech”, deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura fis-27 ta’ Ottubru, 2003;

Rat l-atti tal-kawza kostituzzjonali fl-istess ismijiet (rikors 30/01) li kienet giet ceduta quddiem din il-Qorti fl-24 ta’ Novembru, 2003;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent f’din il-kawza kien gie arrestat fil-15 ta’ Novembru, 1999, u wara tfittxija li saret fir-residenza tieghu, ghall-habta tas-6.00p.m. ittiehed id-depot tal-Pulizija ghall-

interrogazzjoni. Fis-17 ta’ Novembru, 1999, huwa tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b’diversi akkuzi, fosthom li holoq jew gieghel li jidher li dan it-terz ikkometta reat, b’falsifikazzjoni ta’ diversi dokumenti, xerred kitbiet foloz u ta malafama lill-terz, u li kellu xi armi fir-residenza tieghu. Ir-rikorrent mill-ewwel cahad l-involviment tieghu f’dawn l-akkuzi u inghata l-helsien mill-arrest. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali b’sentenza tas-27 ta’ Ottubru, 2003, illiberatu mill-akkuzi principali dedotti kontra tieghu, izda sabitu hati ta’ pussess ta’ armi minghajr licenzja tal-pulizija u kkundannatu ghall-multa ta’ Lm50.

Ir-rikorrent, b’dawn il-proceduri qed jilmenta li gew lezi tlett drittijiet fondamentali tieghu, u cioè, li l-process dam pendenti b’mod esagerat bi ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni ta’ Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta); illi hu gie assoggettat ghal trattament inuman u degredanti fil-kuntest tal-marda li jbati minnha, bi ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-imsemmija Konvenzjoni Ewropea; u li l-arrest tieghu kien arbitrarju bi ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni Ewropea.

Trattat l-ewwel ilment, din il-Qorti tara li d-dewmien fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu, kienu jiffurmaw parti mill-kawza kostituzzjonali li r-rikorrent ceda f’Novembru tal-2003. F’dik il-kawza kien qed jilmenta mill-fatt li l-investigazzjonijiet forensici, li kienu utili ghall-kaz, kienu qed jiehdu zmien twil biex jigu konkluzi. Dawn fil-fatt, gew pprezentati lill-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta’ Settembru, 2003, u

peress ir-rikorrent gie ezonerat minn kull responsabilità, is-sentenza inghatat xi xahar wara fejn hu gie liberat mill-maggoranza tal-akkuzi. Id-dewmien fil-kaz ma kienx attribwibbli direttament lill-Qorti, izda ghad-dewmien fil-konkluzzjoni tat-testijiet forensici, u ghal dan id-dewmien ir-rikorrent irrinunzja ghal kull rimedju ta' natura kostituzzjonali meta ceda l-kawza propria li kien fetah minhabba dak id-dewmien. Fil-fatt, avolja ir-rapport tal-espert forensiku jidher datat il-31 ta' Ottubru, 2001, gie pprezentat lill-Qorti fil-5 ta' Settembru, 2003, izda r-rikorrent lahaq l-ghan tieghu bil-fatt tal-presentata, u dan kif stqarr hu stess meta ceda r-rikors kostituzzjonali precedenti.

Ma jirrizultax li kien hemm xi ragunijiet ohra ghad-dewmien tal-kawza kriminali, hlief dak attribwibbli lill-espert forensiku. Kien ukoll, hu veru, telf ta' zmien minhabba bdil fl-ufficcjal prosekutur, nuqqas ta' notifiki u, fl-ahhar, anke bidla fil-gudikant li kien qed jisma l-kaz, izda dawn ma holqux dewmien fil-process, li, ghal zmien twil, kien qed jistenna ir-rapport forensiku.

Ir-rikorrent ceda li kawza kostituzzjonali precedenti wara li giet deciza l-kawza kriminali, li jfisser li hu kien qed jirrinunzja ghad-dewmien li l-kaz dam biex jigi mistharreg. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tarax li r-rikorrent hu gustifikat li, f'dan il-process, jerga jilmenta mid-dewmien li ha biex jigi deciz il-kaz tieghu.

Fil-kuntest tal-ilment marbut mal-allegat trattament abbuziv da parti tal-pulizija, ir-rikorrent jghid li hu jbati minn kundizzjoni li twassal li jkun suggett ghal "renal colic attacks" u li jkollu regolarment jiehu "narcotic based" pain killers biex ikun jista

jfendi. Jghid li nonostante li gharraf lill-pulizija b'din il-kondizzjoni li kellu, ma nghatax trattament denju.

Definizzjoni tat-terminalogija uzata fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni (ekwivalenti ghall-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem) kien inghata mill-Kummissjoni Ewropea fl-hekk imsejha <u>Greek Case</u>. Fir-rapport taghhom ippubblikat fil-5 ta' Novembru, 1969, jinghad *a propozitu*:

*"The notion of inhuman covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable. The word "torture" is often used to describe inhuman treatment, which has a purpose, such as the obtaining of information or confession, or the infliction of punishment, and is generally an aggravated form of inhuman treatment. Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience".*

Din id-definizzjoni giet konfermata mill-istess Kummissjoni fir-rapport taghha ppubblikat fil-25 ta' Jannar, 1976, fil-kaz <u>"Ireland vs United Kingdom"</u>. F'dan ir-rapport intqal ukoll illi:

*"Ill treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in same cases, the sex, age and state of health of the victim".*

F’dan il-kuntest, l-awturi van Dijk u van Hoof, fil-ktieb *“Theory and Practice of the European Convention on Human Rights”* (3rd Edit pag. 313) jaghmlu analizi ta’ kawza ohra, l-East African Asians Case (irrapportata mill-Kummissjoni fl-14 ta’ Dicembru, 1973) li ghandha certa xebh mal-kaz meritu ta’ din il-kawza. Jinghad hekk mill-awturi fil-kuntest ta’ dan il-kaz:

*“It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on the latter’s subjective appreciations and feelings. In the East African Asians Case the Commission did not accept the “subjective” definition that the treatment of a person is degrading in the sense of Article 3 “if it lowers him in rank, position, reputation or character, whether in his own eyes or in the eyes of other people”, and argued that – given the general purpose of this provision to prevent interferences with the dignity of man of a particularly serious nature – “an action which lowers a person in rank, position, reputation or character can only be regarded as “degrading treatment” in the sense of Article 3 where it reaches a certain level of severity”.*

Dan l-element ta’ gravita’ jinsab ribadit ukoll mill-awturi Jacobs & White, fil-ktieb *“European Convention on Human Rights”* (3rd Edit. pag. 65) meta jghidu:

*“The defining feature of degrading treatment is the element of humiliation or debasement; the threshold of severity would appear to require that the humiliation is gross”*

Il-htiega li din l-umiljazzjoni tkun wahda gravi giet ennuncjata wkoll mill-Qrati taghna, partikolarment fil-kawza “Galea vs Segretarju tad-Djar”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Lulju, 1977; f’din il-kawza ntqal ukoll li trattament

degredanti jehtieg ukoll li jwassal ghal vjolazzjoni serja ghad-dinjita' tal-bniedem. Dawn il-principji ta' intensita' jew severita' gew ribaditi mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija", minnha deciza fl-20 ta' Frar, 1979, u fil-kawza "Wilch vs Seg. Parlamentari ghad-Djar et", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1989. Fil-fatt, jekk wiehed janalizza l-gurisprudenza lokali fejn sabet kaz ta' trattament degredanti, jinduna li l-kazijiet iridu jkunu ta' certu serjeta' u gravita'. Hekk, per ezempju, instabu kazi ta' trattament degredanti fejn sid ta' dar jitkecca mill-istess dar li jkun qed jokkupa, bis-sahha ta' ordni ta' rekwizzjoni, sabiex jigi akkomodat xi hadd iehor ("Antonio Pace vs Seg. Djar et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Ottubru, 1988, u "Lucrezia Borg vs Seg. Djar et", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Settembru, 1986), jew fejn persuna tigi nterrogata fid-Depot tal-Pulizija minghajr ma tkun infurmata bl-akkuza kontriha jew b'metodi li gew deskritti bhala inumani jew degradanti ("Tonio Vella vs Bonello", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru, 1986, u "Jimmy Vella et vs Bonello", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-3 ta' April, 1997) jew meta mpjegat gie kostrett jiffirma dikjarazzjoni li meta ma marx ghax-xoghol f'gurnata wahda f'Gunju tal-1982, kien qed jipperikola l-istabbilita' u d-demokrazija f'pajjizna ("Joseph Vassallo Gatt vs Cassar noe", deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Marzu, 1987).

Dak li sehh f'dan il-kaz, lanqas remotament ma jista' jwassal ghal grad ta' severità li jridu kemm il-qrati Maltin kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-fatt li r-rikorrent kien marid ma jfissirx li ma kellux jigi arrestat jew li ma kellux jinzamm f'detenzjoni. Kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz "Kowrejgo v. Poland", deciz fis-26 ta' Frar, 2013, f'kaz ta' persuna li kienet tbati minn *"serious cardiological disorder";*

*"49. The Court recalls that Article 3 of the Convention cannot be interpreted as laying down a general obligation to release a detainee on health grounds or to transfer him to a civil hospital, even if he is suffering from an illness that is particularly difficult to treat (see Mouisel v. France, no. 67263/01 § 40, ECHR 2002-IX). However, this provision does require the State to ensure that prisoners are detained in conditions which are compatible with respect for human dignity, that the manner and method of the execution of the measure does not subject them to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, their health and wellbeing are adequately secured by, among other things, providing them with the requisite medical assistance (see Kudla v. Poland (GC), no. 30210/96 § 94, ECHR 2000-XI; Slawomir Musial, cited above, § 86; and Kaprykowski, cited above, § 69. There are three particular elements to be considered in relation to the compatibility of an applicant's health with his stay in detention: (a) the medical condition of the prisoner, (b) the adequacy of the medical assistance and care provided in detention and (c) the advisability of maintaining the detention measure in view of the state of health of the applicant (see Mousel v. France, cited above, §§ 40-42; Melnik v. Ukraine, no. 72286/01 § 94, 28 March 2006)."*

F'dan il-kaz, jirrizulta li meta r-rikorrent kien qed jilmenta minn ugieh waqt li kien fid-depot tal-pulizija, intbaghat l-isptar b'ambulanza u inghata l-medicina u t-trattament mehtieg. Peress li meta gie arrestat nesa' li jiehu l-pinnoli mieghu, meta ittiehed lura d-depot, mart ir-rikorrent giet ikkunttatjata biex tehodlu l-pinnoli, kif fil-fatt ghamlet. Kull meta talab, inghata ilma x'jixrob, u ghalkemm ma ngablux ikel tapposta ghalih,

inghata l-opportunità jaqsam mal-pulizija l-ikel li ngab ghalihom, pero', hassu li kellu jirrifjuta l-offerta. Ma kien hemm ebda mument meta t-tobba eskludew li r-rikorrent jinzamm taht detenzjoni. Din il-Qorti trid tirrimarka li t-trattament li inghata r-rikorrent ma kienx ideali u l-kundizzjonijiet li fihom inzamm arrestat kienu xi ftit spartani (tul ta' interrogazzjoni, gurdien f'cella, cella b'barmil flok toilet, u dam ma thalla iqaxxar il-lehja u jxarrab ftit wiccu,) izda fil-waqt li tispera li dawn ic-cirkustanzi ma jigux ripetuti, ma tarax li kien hemm trattament inuman ta' certu gravità. Ma jirrizultax li l-umiljazzjoni kienet *"gross"* fis-sens tad-duttrina prevalenti, u lanqas li hu wasal fi stat li kien imcahhad milli jagixxi skond ir-rieda tieghu. Il-pulizija li kienu qed jinterrogawh, fil-fatt, riedu li hu jiffirma stqarrija li fiha jammetti l-akkuzi, izda baqa' sal-ahhar konxju tas-sitwazzjoni u kellu il-*will power* li jibqa sal-ahhar ma jammettix u jirrifjuta li jaqra stqarrijiet li kienu ppreparawlu l-pulizija.

Ma jirrizultax fil-fehma tal-Qorti, *"a minimum level of severity"* biex ikun hemm lok ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-artikoli tal-ligi invokati, u mehud kont ta' cirkustanzi – inkluza l-kundizzjoni medika tar-rikorrent – din il-Qorti tara li hu inghata t-trattament mehtieg u ma tarax li dik il-kondizzjoni kienet tali li tpoggi l-arrest tieghu fi stat ta' mhux *"admissible".*

Kif intqal recentement mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz "Piechowiez v. Poland" deciz fis-17 ta' April, 2012,

*"160. The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense*

*physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them. On the other hand, the Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (see, among other authorities, Kudla cited above, § 92, with further references). The question whether the purpose of the treatment was to humiliate or to debase the victim is a further factor to be taken into account, but the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a violation of Article 3 (see Van der Ven v. the Netherlands, no. 50901/99, ECHR 2003-II, § 48)."*

F'dan il-kaz, ma jirrizultawx dawn l-estremi, u ghalkemm kif inghad, it-trattament li inghata r-rikorrent ma kienx wiehed ideali jew perfett fl-aspetti kollha tieghu, ma kienx hemm *"actual bodily injury or intense physical or mental suffering."* Fl-istess sens hija d-decizjoni ricensuri tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "Caruana vs Id-Direttur tal-Habs et" moghtija fil-31 ta' Ottubru, 2014 li ukoll titkellem fuq il-htiega li jkun hemm, tal-anqas, *"sofferenza fizika jew psikika intensa anke jekk minghajr ma jikkaguna xi feriti jew offizi fuq il-gisem"* – dan ma jirrizultax f'dan il-kaz. Il-Pulizija taw qies l-istat ta' sahha tar-rikorrent, u ma jirrizultax li huma qatt abbuzaw mill-process ta' interogazzjoni.

Fil-kuntest tat-tielet aggravju tar-rikorrent, bazat fuq in-nuqqas ta' raggonevalezza tal-arrest tieghu, din il-Qorti ma tarax li fil-kaz il-pulizija kienet irragonevoli billi agixxiet kif fil-fatt ghamlet.

Kif intqal fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4th Edition, 2006 pagna 473),

"*The mere fact that a person detained on remand is later released under a judicial decision does not render the arrest unlawful with retroactive effect. Article 5(1)(c) requires only that there be a 'reasonable suspicion'. At the moment the arrest is made it need not yet be firmly established that an offence has actually been committed or what the precise nature of that offence is. The object of questioning during detention under subparagraph (c) is to further the investigation by way of confirming or dispelling the reason for arrest. Whether the mere continuation of suspicion suffices to warrant the prolongation of the detention on remand is covered not by the first but by the third paragraph of Article 5*".

Interessanti dak li jghidu l-istess awturi, f'pagna 471, dwar arrest fuq suspett li se jigi kommess reat. Jinghad fil-fatt li:

"*Since the three grounds mentioned in paragraph 1 under (c) have been placed side by side and have not been cumulative, the provision would appear to justify detention as a measure against persons on suspicion that they will commit crimes without their having as yet committed them. This interpretation is also corroborated by the travaux preparatoires, viz, in the report of the Senior Officials, in which it is stated as follows: "it may (...) be necessary in certain circumstances to arrest an individual in order to prevent his committing a crime, even if the facts which show his intention to commit the crime do not of themselves constitute a criminal offence". The same line of reasoning is expressed by the Commission in the De Jong, Baljet and Van Der Brink Case. It assigned an independent meaning to each of the three grounds mentioned under (c):*

*"The wording 'or' separating these three categories of persons clearly indicates that this enumeration is not cumulative and that it is sufficient if the arrested person falls under one of the above categories"*." (Sottolinear ta' din il-Qorti).

(ara wkoll "Baldacchino vs Il-Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Novembru, 2006, ghal aktar studju fuq il-materja).

F'dan il-kaz, jirrizulta li f'Dicembru tal-1988 kien sploda l-kaz marbut ma klijenti tal-vetturi tal-marka "Daewoo", u l-gazzetti lokali kienu mimlija spekulazzjoni dwar abbuz fil-maniggjar tal-finanzi tal-kumpanija relattiva. Ir-rikorrent kien qed jahdem bhala accountant mal-kumpanija u, tajjeb jew hazin, kien qed jigi involut fl-iskandlu li fih Lm1.5 milun sparixxew mill-kumpanija. Peress li mal-kumpanija kien hemm involut anke is-Sur John Dalli, li wara sar Ministru tal-Finanzi, il-kaz fil-media lokali ha sura anke politika. Ir-rikorrent irrizenja minn mal-kumpanija tad-Daewoo f'Jannar tal-1999, però il-kaz baqa jigi dibattut fil-media. Bdew jinxterdu diversi ittri anonimi fil-pajjiz, waqt li r-rikorrent ghamel rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija fuq dak li, skont hu, kienu "irregolaritajiet" li kienu jsiru fil-kumpanija. F'Lulju tal-1999 anke mar Londra ma ufficcjal tal-kumpanija, is-Sur Joe Gaffarena, suppost biex jassistih peress li dan kellu bzonn ifittex kura medika; fi kliemu, pero', skopra meta kien hemm li *"there was more to the visit than just medical reasons and I was not happy with the situation."*

Il-pulizija kellha informazzjoni li xi dokumenti li kienu qed jiggerew fl-idejn kienu falsifikati, u kellhom rapporti li r-rikorrent seta' kien involut, specjalment fid-dawl tal-

informazzjoni kunfidenzjali li bdiet titqajjem. Kien ghalhekk mehtieg li r-rikorrent jigi interrogat.

Waqt is-search fid-dar tar-rikorrent instabet karta b'letter head li kienet l-istess jew tixbah il-karti mqassma, u l-computer tieghu kien ghadu kemm gie *formatted.* Kif spjega l-Assistent Kummissarju Michael Cassar *"xeghlet mill-ewwel l-bozza l-hamra",* u meta saru aktar stharrig anke mas-Sur Dalli, dehrilhom li kien hemm bizzejjed indizji biex jitressaq il-Qorti. Mhiex kompitu ta' din il-Qorti tara x'kienet taghmel hi kieku kellha l-istess informazzjoni, imma biex tara jekk il-Pulizija kellhomx bizzejjed cirkustanzi biex l-arrest ma jitqies arbitrarju. Fil-fehma tal-Qorti, l-arrest in kwistjoni ma jistax jitqies arbitrarju.

L-interrogazzjoni ma kienitx wahda ta' malajr, u darba arrestat, kien jehtieg li jsiru testijiet forensici u anke interrogazzjoni ulterjuri. Kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz "O'Hara v. U.K.", deciza fis-16 ta' Ottubru, 2001,

*"36. It may also be observed that the standard imposed by Article 5 § 1 (c) does not presuppose that the police have sufficient evidence to bring charges at the time of arrest. The object of questioning during detention under sub-paragraph (c) of Artikcle 5 § 1 is to further the criminal investigation by way of confirming or dispelling the concrete suspicion grounding the arrest. Thus facts which raise a suspicion need not be of the same level as those necessary to justify a conviction, or even the bringing of a charge which comes at the next stage of process of criminal investigation (see Brogan and Others v. The United Kingdom, judgement of 29 November 1988, Series A No 145-B, p 29 § 53, and Murray v. The United Kingdom,*

*judgement of 28 October 1994, Series A No 300-A, p 27, § 55).”*

F’dan il-kaz, kien mehtieg li jsiru ezamijiet tal-marki tas-swaba u tal-kitba tar-rikorrenti u tqabbil tal-istess mal-hafna ittri u dokumenti li inghataw f’idejn il-Pulizija, process li kellu jiehu tul ta’ zmien. Kien, ghalhekk, gustifikat mhux biss l-arrest tieghu, izda wkoll li jitressaq quddiem qorti kompetenti, anke biex l-investigazzjoni tkompli issir taht il-kontroll tal-qorti. Fid-dawl tar-rapporti li kellha l-pulizija, ma jistax jinghad li l-arrest jew detenzjoni tar-rikorrent kien arbitrarju, u l-fatt li hu inghata il-helsien provizorju mill-arrest dakinhar stess li tressaq quddiem il-Qorti, jimmilita kontra s-sejbin ta’ detenzjoni esagerata.

B’mod generali, din il-Qorti tirrimarka, li, min qari tal-affidavits tar-rikorrent u martu, l-impressjoni li tiehu din il-Qorti hi li r-rikorrent hu irrabbjat aktar ghal atteggjament tas-Sur John Dalli u tal-media fil-konfront tieghu. Hu donnu jwahhal fis-Sur Dalli ghal dak li gralu u jghid fil-fatt li *“It seems that John Dalli has a bad habit of accusing anyone as long as he looks like the victim to distract peoples’ attention from more serious matters. I saw this happen many times in the past.”*

Da parti tal-media, jilmenta wkoll li din ghamlet kjass kbir meta faqqa l-kaz u mhux l-ewwel darba li irreferiet ghalih waqt li l-kaz kien dibattut. Meta imbaghad hu gie mehlus mill-akkuzi, l-istampa ghamlet biss referenza qasira ghall-kaz, u hafna mill-istazzjonijiet tat-televizjoni u tar-radju lanqas irraportaw il-helsien tieghu. Kien minhabba dan kollu li jghid li sofra theddid u telf ta’ impieg, pero’, din il-kawza ma saritx biex tezamina la l-agir tas-Sur Dalli u lanqas tal-media, izda tal-Pulizija u tal-avukat generali. Il-fatt li tilef job li kellu ftit

wara li gie arrestat, ma jfissirx li l-pulizija hija responsabbli, darba li rrizulta, kif rajna, li l-arrest kien gustifikat. Il-pulizija kellha rapporti li dwarhom kellha tinvestiga. L-informazzjoni li kellha ma kienitx tidher mhux attendibbli, u ghamlet sew li, kwazi mil-ewwel, resqet il-kaz tar-rikorrent ghall-quddiem il-qrati. Is-sorveljanza li ghamlet il-pulizija fuq ir-rikorrenti kienet ukoll parti mill-investigazzjoni, u ma jidhirx li din kellha x'effett partikolari fuq ir-rikorrent. Kif inghad, il-kritika li saret mir-rikorrent u indirizzata lejn is-Sur John Dalli u l-media lokali, mhix rilevanti ghall-fini ta' din il-kawza, li hi wahda ta' natura kostituzzjonali fil-konfront tal-awtoritajiet governattivi. Ma jirrizultax li l-process kriminali, sa mill-arrest tar-rikorrent, kien influenzat b'dawn il-fatturi. Ir-rikorrent mhux qed jallega li ma kellux smigh gust u hu gie liberat mill-akkuzi principali fil-konfront tieghu. L-arrest ukoll kien gustifkat fic-cirkostanzi, u kien ta' anqas minn 48 siegha li tippermetti l-ligi. Kollox ma kollox, din il-Qorti tara li l-ilmenti tar-rikorrenti ma humiex misthoqqa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi tichad l-istess, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mir-rikorrent Joseph Ellul Grech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------